MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2007

Appell Civili Numru. 127/1999/1

**Anthony, Noel u Mario ahwa Farrugia, l-istess Anthony tant f'ismu proprju kif ukoll f'isem ommu Antoinette armla Farrugia, temporanjament imsiefra minn Malta, u ta' hutu msefrin Teddy, George, Monica mart Mark Sacco, u Sylvana, xebba, lkoll ahwa Farrugia**

**v.**

**Angelo Micallef u martu Emanuela Micallef**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1. L-atturi l-ahwa Farrugia, u ommhom Antoinette Farrugia, ipprocedew b'*actio spolii* b'citazzjoni pprezentata minnhom fil-31 ta' Awissu 1999 kontra l-konvenuti konjugi Angelo u Emanuela Micallef, proprjetarji tal-fond numru 42 fi Triq Monsinjur Farrugia, f'Victorja, Ghawdex, stante li fost affarijiet ohra jikkontendu li l-fond proprjeta` taghhom igawdi servitu` ta' prospett fuq dak tal-girien minn loggja li ghandhom f'distanza ta' bejn cirka pied u nofs ghal cirka tlett piedi mill-hajt divizorju bejn il-fondi rispettivi, u dan kien hekk sakemm il-pussess pacifiku taghhom gie ostruwit mill-konvenuti meta bnew hajt fil-parti tal-fond taghhom, illi tigi tmiss mas-setah ta' l-atturi. Din il-pretensjoni attrici izda, ma gietx milqugha mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri Gurisdizzjoni Generali li b'sentenza tas-16 ta' Novembru 2005, li sejra tigi riprodotta _in toto_ ghall-ahjar intendiment ta' dan l-appell, laqghet biss parzjalment it-talbiet attrici. Is-sentenza appellata iddecidiet hekk:
"Il-Qorti ,

"Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew:

"Illi l-atturi huma ilkoll flimkien proprjetarji tal-fond numru ħamsa u erbgħin (45), Triq Monsinjur Farrugia, Victoria, li jikkonfina min-naħa tal-Lvant mal-fond numru tnejn u erbgħin (42) ta' l-istess triq proprjeta` tal-konvenuti jew min minnhom;

"Illi l-fond ta' l-atturi jgawdi servitu` ta' prospett għal fuq il-proprjeta` tal-konvenuti permezz ta' loġġja illi teżisti fil-fond ta' l-atturi f'distanza ta' bejn ċirka pied u nofs għal ċirka tlett piedi mill-ħajt diviżorju bejn il-fondi rispettivi;

"Illi inoltre l-fond ta' l-atturi jgawdi wkoll servitu` ta' tnixxiegħa ta' ilma tax-xita minn fuq is-setaħ żgħir illi jiġi faċċata l-istess loġġja għal fuq il-fond ta' l-istess konvenuti

liema servitu` tiġi eżerċitata permezz ta' żewġ toqob antiki fil-ħajt diviżorju fil-livell ta' l-art ta' l-istess setaħ fil-fond ta' l-atturi;

"Illi l-imsemmija loġġja ilha teżisti sa almenu mill-elf tmien mija u tlieta u sittin (1863) għaliex hemm riferenza għaliha f'kuntratt redatt f'dik is-sena min-Nutar Francesco Calleja;

"Illi l-atturi baqgħu fil-pussess paċifiku ta' dawn is-servitujiet, sakemm riċentement, u eżattament fl-aħħar ġimgħa ta' Lulju u jiem sussegwenti intom konvenuti pruvajtu tostruwixxu s-servitu` ta' prospett spettanti lill-fond ta' l-atturi, billi bnejtu ħajt fil-parti tal-fond tagħkom illi tiġi tmiss mas-setaħ ta' l-atturi, u għollejtu dan il-ħajt b'tali mod illi ttellfu kemm is-servitu` ta' prospett, kif ukoll is-servitu` ta' tnixxiegħa ta' ilma tax-xita spettanti lill-atturi billi mblokkajtu t-toqob li minnhom kien jiskula l-ilma tax-xita minn fuq is-setaħ ta' l-atturi.

"Illi dan l-aġir jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin għad-dannu ta' l-atturi;

"Illi minħabba dan l-aġir da parti tagħkom, l-atturi kienu kostretti jippreżentaw mandat ta' inibizzjoni kontra tagħkom, Mandat Nru: 84/99 fl-ismijiet "Mario Farrugia et nomine –vs– Angelo Micallef et", liema mandat ġie akkolt in parti b'digriet tas-6 ta' Awissu, 1999, u għalhekk din il-kawża qegħda ssir anke in sostenn ta' l-imsemmi mandat ta' inibizzjoni;

"Illi l-atturi jridu illi jiġu re-integrati fil-pussess tagħhom.

"Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

"1. Tiddikjara illi bix-xogħlijiet intrapriżi minnkom fl-aħħar jiem ta' Lulju 1999 konsistenti fil-bini ta' ħajt fil-proprjeta` tagħkom immedjatament attigwu għas-setaħ żgħir li jeżisti fil-fond ta' l-atturi jħares lejn il-Lvant għal fuq il-proprjeta` tagħkom, intom jew min minnkom ikkommettejtu spoll vjolenti u klandestin għad-dannu ta' l-atturi, billi telliftuhom fil-pussess tagħhom tas-servitu` ta' prospett, u s-servitu`

tat-tnixxiegħa ta’ l-ilma illi huma kienu sa dakinhar igawdu paċifikament;

“2. Konsegwentement tikkundannakom sabiex jekk hemm bżonn tispurgaw l-ispoll vjolenti u klandestin kommess minnkom billi tneħħu x-xogħlijiet kollha illi fadal minn dawk imwettqa minnkom illi b’xi mod jostruwixxu s-servitujiet spettanti lill-atturi;

“3. Tinibikom definittivament milli twettqu xi xogħlijiet oħra kwalsiasi illi b’xi mod u manjiera jistgħu itellfu lill-atturi fil-pussess tagħhom ta’ l-imsemmija servitujiet.

“Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandat ta’ inibizzjoni fuq riferit kontra tagħkom, u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa intom inġunti.

“Bir-riserva ta’ kwalunkwe azzjoni ulterjuri spettanti lill-atturi kontra tagħkom.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-atturi debitament ikkonfermata bil-ġurament ta' Mario Farrugia.

“Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li eċċepew illi:

“1. L-irritwalita` u konsegwenti nullita` taċ-ċitazzjoni attriċi minħabba konfużjoni fil-kawżali billi l-atturi bil-kawża tagħhom qegħdin jintentaw żewġ azzjonijiet f'daqqa u ċioe` dik ta' spoll u dik ta' manutenzjoni, liema żewġ azzjonijiet huma inkompatibili għal xulxin u distinti minn xulxin. L-ewwel u t-tieni talbiet huma sintomatiċi ta’ l-azzjoni ta' spoll u ċioe` r-reintegrazzjoni ta’ l-ispoll allegatament kommess filwaqt li bit-tielet talba tagħhom l-atturi qegħdin jitolbu li jiġu mantenuti b'mod definittiv fil-pussess tas-servitujiet pretiżi minnhom mingħajr pero` ma ġabu 'l quddiem il-kawża in sostenn tal-pretensjoni jew dritt tagħhom kif dedott fil-mandat ta' inibizzjoni numru 84/99 fl-istess ismijiet fuq premessi degretat fis-6 ta' Awissu 1999.

“2. Illi fit-tieni lok, u mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, ma huwiex mogħti lil ebda persuna skond is-

sistema ġuridiku ta' pajjiżna illi jintavola ċitazzjoni fejn jitlob *sic et simpliciter* illi l-konvenut jiġi inibit milli jagħmel xi att mingħajr ma fl-istess waqt iġib 'il quddiem il-pretensjoni jew dritt tiegħu sabiex iżomm lill-konvenut milli jagħmel dak l-att. Dan il-għaliex altrimenti jkun qiegħed jingħata lok sabiex persuna tipperpetwa mandat ta' inibizzjoni mingħajr ma ġġib 'il quddiem il-kawża in sostenn tal-pretensjoni tiegħu kif dedotta fil-mandat ta' inibizzjoni ai termini ta' l-Artikoli 843, 844, u 875 tal-KOPC Kap. 12. Bl-azzjoni ta' l-ispoll, l-iskop preċipwu tagħha huwa r-ripressjoni ta' l-użu tal-vjolenza privata, u r-rimedju possessorju bħala omaġġ tal-massima legali *spoliatus ante omnia restituendus.* Fil-kawża ta' spoll il-Qorti għandha teżamina biss il-fatt tal-pussess jew tad-detenzjoni, ikun ta' liema xorta jkun, u l-fatt ta' l-ispoll, mingħajr ma tidħol fil-kwistjoni tal-jedd jew jeddijiet oħra ta' l-attur;

“3. Illi fil-meritu u dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet attriċi huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kollha kontra l-istess atturi;

“4. Illi fil-kostruzzjoni mill-eċċipjenti ta' l-opramorta fuq il-bejt tal-fond proprjeta` tagħhom ossia l-inalzament tal-ħajt diviżorju skond il-liġi, ma ġie kommess ebda spoll kuntrarjament għal dak li qegħdin jallegaw l-atturi;

“5. Illi l-atturi ma jgawdu ebda waħda mis-servitujiet pretiżi minnhom fuq il-fond ta' l-eċċipjenti;

“6. Illi l-element ta' pussess rikjest mil-liġi ma jissusistix billi l-attijiet ta' mera tolleranza ma jistgħux jiswew ta' fondament għall-akkwist ta' pussess;

“7. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuti kkonfermata bil-ġurament ta' Angelo Micallef.

“Rat il-verbal tagħha ta' l-1 ta' April 2005 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

“Rat in-noti ta’ l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

“Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda prodotti u d-dokumenti esebiti, l-atti tal-mandat ta' Inibizzjoni Nru. 84/99 fl-ismijiet: "Mario Farrugia et noe. vs Angelo Micallef et., degretat minn din il-Qorti fis-6 ta' Awissu 1999, kif ukoll l-atti tal-kawża nru. 149/99 fl-ismijiet: "Angelo Micallef et. vs Anthony Farrugia et.", quddiem din il-Qorti u differita wkoll għal-lum għas-sentenza, u dana billi bi qbil bejn il-kontendenti, il-provi f'din il-kawża kellhom jgħoddu għall-kawża preżenti wkoll.

“Ikkunsidrat:

“Illi din hija kawża ta’ spoll. Dwar kawża ta’ dan it-tip ġie mfisser illi:

“*In tema legali jingħad li l-‘actio spolii’ hija radikata pjuttost fuq l-eżiġenzi ta’ utilita` soċjali milli fuq il-prinċipju assolut tal-ġustizzja, u hija eminentement intiża sabiex tkun estiża l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess, u jiġi mpedut li ċittadin privat jieħu l-ġustizzja f’idejh; b’mod li l-fini tagħha huwa dak illi jiġi restawrat l-istat tal-pussess li jkun ġie skonvolt jew turbat;*

“*L-art. 572 (illum 535) tal-Kodiċi Ċivili, li jikkontempla din l-azzjoni, huwa ndubbjament ta’ ordni pubbliku, u huwa inerenti għall-fatt ta’ min b’awtorita` privata jagħmel għad-dannu ta’ terza persuna att li, għalkemm jista’ jkollu dritt għalieh, ma jkunx jista’ jeżerċitah mingħajr l-intervent tal-Qrati (ara Kasazzjoni Torin 1 ta’ Awissu 1879 in re Borboglio vs. Fischt, Volum XIII, P. 1, pag. 555 ta’ l-annali tal-Ġurisprudenza). Ma’ dan l-artikolu fuq imsemmi tal-liġi ċitata, ma għandux jiġi minsi l-art. 794 (illum 791) tal-Kodiċi ta’ l-Organizazzjoni u Proċedura Ċivili, li jaħseb u jgħid li kontra l-azzjoni ta’ spoll ma humiex ammissibbli ħlief eċċezzjonijiet dilatorji – dak li huwa konfermat mill-ġurisprudenza lokali u estera (ara Vol. XXI. I. 296 Appell 8 ta’ Marzu 1943, in re “Francesco Mifsud vs Michele Cassar”; Vol. XXI. II. 83 P’Awla Civili, 20 ta’ April 1916, in re ‘Michelina Falzon vs Giuseppe Bonello et.’ konfermata*

*fl-Appell fis-26 ta' Marzu 1917; Kassazzjoni Palermo 27 ta' Ottubru 1899, in re Decarcano vs. Cafici, Foro Catanese Vol. 1889, paġna 124; u dan biex ingħataw xi sentenzi); …..".*[1]

"Illi, għalhekk, kif ġie ripetutament imfisser mill-qrati tagħna, jenħtieġu tliet elementi sabiex tirnexxi kawża bħal din:

"(i) li l-attur kellu l-pussess ta' kwalunkwe xorta jew detenzjoni tal-ħaġa spoljata (*possedisse*);

"(ii) li ġie disturbat f'dan il-pussess (*spoliatum fuisse*); u

"(iii) li għamel il-kawża fi żmien xahrejn mill-allegat spoll *(infra bimestre deduxisse*).

"*Jekk imqar xi wieħed minn dawn ir-rekwiżiti essenzjali ma jiġix ppruvat, l-azzjoni taqa' mingħajr ma jkun hemm bżonn li jiġi ndagat jekk jirrikorrux anki r-rekwiżiti l-oħra*."[2]

"Dwar din l-azzjoni l-**Mattirolo** jispjega illi:

"*La reintegrazione del possesso a favore di chi ne fu spogliato e' una misura di ordine pubblico, e' un provvedimento diretto a conservare la pace pubblica. L'articolo 695 del Codice Civile applica, in tutto il suo rigore, la regola* ***"spoliatus ante omnia restituendus"****. Il perche' l'azione di reintegrazione, compiuto lo spoglio, compete a qualunque possessore, astrazione fatta dal carattere del suo possesso, sia pur questo anche solo precario, o di origine illegittima, purche' pero` abbia il carattere esteriore dell'esercizio di un preteso diritto."*[3]

"Għalhekk sabiex il-Qorti tkun tista' tilqa' t-talbiet attriċi, jrid jiġi stabilit jekk fil-każ in eżami jeżistux dawn it-tliet

---

[1] Margherita Fenech v. Pawla Zammit: Prim'Awla: 12.4.1958 vol. XLII.. II. 975.

[2] Joseph Tabone v. Joseph Flavia sive de Flavia; Appell Civ. 7.3.1958 – vol. XLII. I. 86

[3] Trattato di Dirito Giudiziario Civile Italiano Vol. I. 5ta.ed. 1902 Torino, para. 271.

elementi. Mill-provi mressqa rriżulta illi l-atturi qed jilmentaw minn inċident fejn il-konvenuti bnew ħajt fuq il-bejt tagħhom f'parti li tmiss ma' setaħ ta' l-atturi, b'tali mod li tellfulhom:

"(i) is-servitu` ta' prospett li jallegaw li kienu jgawdu minn loġġja li għandhom fil-proprjeta` tagħhom tagħti għal fuq dan is-setaħ; u

"(ii) is-servitu` ta' tnixxiegħa ta' ilma tax-xita li kien jaqa' fuq dan is-setaħ mill-bjut tagħhom għall-bejt tal-konvenuti, minn żewġ toqob li ġew imblokkati b'dawn ix-xogħlijiet.

"L-eċċezzjonijiet kollha ta' natura preliminari ġew irtirati permezz ta' nota tal-konvenuti tat-13 ta' Settembru 2005[4], u dan peress illi l-atturi kienu rtiraw it-tielet talba tagħhom[5]. Niġu għalhekk minnufih għall-eżami dwar l-eżistenza o meno ta' l-elementi rikjesti f'kawża ta' spoll.

"**Il-Pussess:**

"Dwar dan l-element sabiex tirnexxi kawża ta' spoll ingħad:

"*Illi l-ewwel rekwiżit, kwindi, sabiex l-azzjoni tar-rintegrazzjoni tista' tiġi milqugħa bil-favur, huwa li l-instanti jkollu l-pussess ta' kwalunkwe xorta jew detenzjoni tal-ħaġa li fuqha jkun pretiż li sar l-ispoll. L-espressjoni wżata mil-liġi –"**possession of whatever kind**" – dak li jinteressana f'dal-każ – tikkomprendi tant il-pussess ċivili kemm dak sempliċement naturali, u anki dak vizzjuż; imma pero` tesiġi dejjem f'dak li jippromwovi din l-azzjoni xi pussess; l-għaliex, jekk l-attur f'kawża bħal din li fuqha qegħdin nitkellmu ma jkunx ippossjeda l-ħaġa, l-azzjoni hija destinata li ma tirnexxix*."[6]

"(i) fir-rigward ta' l-allegat servitu` ta' prospett:

[4] a fol. 170 tal-process.
[5] ara Nota a fol. 82 .
[6] Fenech vs Zammit gia citata.

"Huwa minnu illi l-atturi għandhom loġġja illi tidher illi ilha teżisti żmien twil fil-proprjeta` tagħhom, tagħti għal ġo setaħ wiesa mhux iżjed minn tliet piedi u aċċessibbli mill-istess loġġja[7]. Infatti din il-loġġja tissemma wkoll f'kuntratt tal-1863[8]. Imma ma nġiebet ebda prova oħra dokumentata minn fejn jista' jirriżulta illi l-atturi jgawdi xi servitu` bħal dan. Wara kollox biex ikun hemm il-prospett, it-tieqa trid tkun fil-ħajt diviżorju bejn il-proprjetajiet rispettivi, u fil-każ tagħna, din tinsab irtirata fil-proprjeta` ta' l-atturi għal ċirka tliet piedi. Għalhekk lanqas huwa l-każ illi l-atturi setgħu akkwistaw xi servitu` in konnessjoni ma' din il-loġġja bis-saħħa tal-preskrizzjoni. Il-konvenuti żgur li qatt ma setgħu jagħmlu xejn f'dan ir-rigward, ġialadarba din il-loġġja kienet saret fi ħwejjeġ l-atturi stess u mhux fil-ħajt diviżorju. Mill-bqija kull ma sar mill-konvenuti kien l-innalzament tal-ħajt diviżorju. Dan id-dritt huwa impreskrivibbli, u qatt ma jista' jikkostitwixxi spoll[9].

"(i) Għar-rigward ta' l-allegat dritt ta' stilliċidju:

"Għall-kuntrarju rriżulta ampjament illi fl-opramorta fil-ħajt diviżorju bejn il-proprjetajiet rispettivi, qabel ma nbdew ix-xogħlijiet edilizji mill-konvenuti, kien hemm żewġ toqob fl-istess ħajt illi minnhom l-ilma tax-xita li kien jirċievi s-setaħ ta' l-atturi, kien jibqa' sejjer fuq il-bejt tal-konvenuti[10]. Il-konvenuti jargumentaw fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet tagħhom illi meta, wara d-digriet tal-Qorti fil-Mandat ta' Inibizzjoni relattiv, huma kienu reġgħu tellgħu l-ħajt in kwistjoni illi sadanittant kien twaqqa' mill-atturi, tħallew dawn it-toqob. Għalhekk meta ġiet intavolata l-kawża preżenti, wara li kien ġia ngħata dan id-digriet u ttella' l-ħajt mill-ġdid, it-toqob kienu hemm. Madankollu li trid tara l-Qorti huwa jekk fil-mument li ġie kommess l-att lamentat mill-atturi, u ċioe` l-bini tal-ħajt li sar minflok l-opramorta l-antika, l-atturi kellhomx il-pussess ta' kwalunkwe xorta, ta' dan id-dritt ta' stilliċidju, ħaġa li fil-fatt ġiet ampjament ippruvata.

---

[7] ara ritratt esebiti bħala Dokti MAF 1 u 2 a fol. 35 .
[8] a fol. 5 - 16 tal-process.
[9] Appell: Emanuel Refalo vs John Rapa: 20.3.1995.
[10] ara ritratti dokti. MAF 1 u 2 a fol. 28 tal-process nru. 149/1999 fl-ismijiet: Angelo Micallef vs Anthony Farrugia et.

“**L-iSpoll:**

“Kif ġia` ngħad, l-atturi kellhom dawn iż-żewġ toqob fil-ħajt diviżorju bejn il-proprjetajiet rispettivi, li kienu jikkonduċu l-ilma tax-xita mis-setaħ tagħhom għal fuq il-bejt tal-konvenuti, u dawn ma reġgħux saru meta l-konvenuti ħattew l-opramorta u minflok bnew ħajt ġdid. B'dan l-aġir huwa evidenti illi l-atturi ġew spoljati mill-pussess ta' dan id-dritt ta' skular ta' l-ilma li sa dakinhar kienu jgawdu.

“**Iż-Żmien:**

“Fiċ-ċitazzjoni tagħhom l-atturi jgħidu illi dawn ix-xogħlijiet saru fl-aħħar ġimgħa ta' Lulju 1999. Dan ma ġie bl-ebda mod kontradett mill-konvenuti. Il-Mandat ta' Inibizzjoni relattiv ġie ppreżentat fl-4 ta' Awissu ta' l-istess sena u l-kawża ġiet imbagħad intavolata fil-31 ta' Awissu 1999, u għalhekk entro t-terminu ta' xahrejn stipulat mil-liġi.

“Għal dawn il-motivi, peress illi ġie ppruvat sodisfaċentement li jeżistu l-elementi meħtieġa mil-liġi sabiex tirnexxi kawża bħal din, imma fir-rigward biss tat-toqob imsemmija għall-iskular ta' l-ilma, tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti għal dak li jirreferi għall-allegat pussess tas-servitu` ta' prospett li ma ġiex ippruvat, u għalhekk tiċħad it-talbiet attriċi f'dan ir-rigward, tilqa' l-ewwel talba safejn tikkonċerna s-servitu` ta' tnixxiegħa ta' l-ilma u tiddikjara illi l-konvenuti kkommettew spoll vjolenti kontra l-atturi meta bil-bini tal-ħajt diviżorju komuni mill-ġdid, ma ħallewx toqob għall-iskular ta' l-ilma tax-xita bħal ma kien hemm fl-opramorta l-antika. Billi madankollu rriżulta illi dawn it-toqob reġgħu saru wara d-digriet tagħha fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni relatttiv, m'għad baqa' ebda skop għat-tieni talba.

“L-ispejjeż tal-kawża, fiċ-ċirkostanzi, għandhom jinqasmu ugwalment bejn l-atturi minn naħa u l-konvenuti minn naħa l-oħra.”

**<u>L-APPELL TA’ L-ATTURI</u>**

2.1. L-atturi hassewhom aggravati bid-decizjoni surreferita u interponew appell fuq l-aggravji segwenti:-
a) illi dik il-Qorti ghamlet evalwazzjoni hazina tal-fatti, meta qalet li ma kienx gie pruvat illi l-atturi ilhom jipposjedu d-dritt ta’ prospett ghal fuq il-proprjeta` tal-konvenut;
b) illi ghamlet ukoll apprezzament zbaljat tal-principji legali relevanti ghall-fatti, specjalment meta ddikjarat illi d-dritt ta’ innalzament tal-hajt divizorju qatt ma jista’ jkun preskritt u ghaldaqstant implicitament qalet illi l-preskrizzjoni ma tapplikax anke meta dan l-innalzament ikun johnoq drittijiet tal-gâr.

2.2. L-appellanti jibbazaw dawn il-lanjanzi taghhom fuq is-segwenti ragunijiet –
I) Din il-loggja ilha tezisti almenu mill-1863 ghaliex fil-kuntratt tat-3 ta’ Ottubru 1863 li permezz tieghu l-konjugi Benedetto u Maddalena Tabone ikkoncedew il-fond numri 43, 44 u 45 fi Triq Monsinjur Farrugia, Victorja Ghawdex lil binthom Maria Crocefissa Tabone, b’titolu ta’ dota hemm referenza ghalih. Maria Crocefissa Tabone kienet ghaddiet il-post lil binha Giusepp Meilaq, in-nannu ta’ l-appellanti u mbaghad b’kuntratt tat-23 ta’ Ottubru 1968 il-fond ghadda ghand Maria Antonia Farrugia u huha George Galea. Sussegwentement b’att ta’ qasma tat-2 ta’ Dicembru 1983 l-attrici u huha ddividew bejniethom il-fondi bin-numri 44, 45 u 46 fi Triq Monsinjur Farrugia, Victorja, Ghawdex b’tali mod li l-attrici giet assenjata l-fond li jgib in-numri 44 u 45. Fin-nota ta’ l-insinwa jinghad li kompriz f’din il-porzjon -
“hemm loggja maghluqa li parti minnha giet trasformata f’kamra tal-banju. Fuq il-genb tal-Lvant tat-tarag hemm terrazin dejjaq hafna li jhares fuq il-proprjeta` ta’ terzi u l-ilma tieghu jmur fuq din il-proprjeta` ta’ terzi…”

Sussegwentement l-attrici akkwistat sehem huha b’kuntratt tal-31 ta’ Marzu 1986.

Ir-riferenzi espressi f’dawn il-kuntratti jipprovaw illi l-atturi ilhom igawdu l-prospett minn dan it-terrazzin dejjaq hafna ghal bosta snin u li ghalhekk kienu fil-pussess meta gew disturbati bl-atti esegwiti mill-konvenut. Hemm ukoll

diversi dokumenti u xhieda ohra li juru l-pussess ta' l-appellanti.

II) Il-kelma loggja, tradotta mit-Taljan tfisser *open gallery* u mhux speci ta' bitha mhux mibnija kif donnha qalet l-ewwel Qorti. Dan apparti, ir-ragunament ta' l-ewwel Qorti li ladarba ma kien jirrizulta ebda kuntratt kostituttiv tas-servitu` ta' prospett, is-servitu` la setghet tezisti u lanqas setghet tkun oggett ta' pussess da parti ta' l-appellanti, huwa spropozitu legali ghaliex il-pussess ma jistax jigi konfuz mad-dritt, u anke li kieku l-pussess ghall-prospett ta' l-appellanti ma hux ibbazat fuq dritt ta' servitu` ta' prospett xorta huwa tutelabbli bl-azzjoni ta' spoll.

III) Il-Qorti kienet ukoll zbaljata meta qalet illi d-dritt ta' innalzament tal-hajt divizorju huwa impreskrivibbli peress li fejn fil-hajt divizorju diga` jezistu servitujiet jew drittijiet favur terzi tali dritt ta' innalzament jintilef bil-preskrizzjoni.

IV) Il-konkluzzjoni tal-Qorti li la l-loggja hija ftit jew wisq 'il boghod mill-hajt divizorju "il-konvenuti zgur li qatt ma setghu jaghmlu xejn f'dan ir-rigward" hija skorretta. Jispecifikaw li l-loggja mhix irtirata cirka tlett piedi ghal gol-proprjeta` ta' l-atturi izda bejn il-loggja u l-hajt divizorju hemm distanza irregolari li tvarja minn madwar pied ghal cirka tlett piedi. Izidu li l-fatt li l-loggja tinsab f'distanza ta' anqas minn hames piedi mill-hajt divizorju hija minnha turija ta' esistenza ta' servitu`. Dwar dan jikkwotaw id-decizjoni tal-Prim Awla fl-ismijiet **Salvatore Vella v. Felice Camilleri** fejn intqal li sid il-bini ma jistax jiftah twieqi f'dak il-bini f'boghod ta' anqas minn zewg piedi u sitt pulzieri mill-hajt divizorju u jekk jiehu bicca art b'cens biex jibni fuqha, u fiz-zmien tal-koncessjoni, s-sid tal-fond vicin, gia` kellu tieqa, jew almenu l-hogor taghha fil-fond tieghu f'distanza nferjuri ghal dik legali, u ma jaghmel l-ebda opposizzjoni ghal dik it-tieqa, jkun obbligat jirrispetta l-istat tal-fond allura ezistenti, u ma jistax jitlob il-kundanna ta' sid il-fond biex inehhi dik it-tieqa jew jaghlaqha. Ta' l-istess parir huwa r-Ricci. Jissottomettu inoltre li l-Artikolu 435 tal-Kodici Civili jivjeta l-bini ta' hajt divizorju bejn il-proprjeta` tieghu u tal-gâr hlief fuq il-linja tal-konfini jew f'distanza ta' almenu metru u nofs mil-linja medjana.

Jargumentaw li twieqi mibnija f'hajt li jaffaccja proprjeta` ta' terzi f'distanza ta' anqas minn metru u nofs mil-linja medjana, huma ugwali ghal twieqi miftuha f'dak l-istess hajt mibni immedjatament attigwu ghal-linja medjana, u meta dawn it-twieqi u l-parapetti li ghal fuqhom jaghtu, jibqghu fl-istat taghhom ghal aktar minn tletin sena minghajr ma ssir ebda opposizzjoni mill-gâr, is-sidien taghhom jakkwistaw is-servitu` relattiva bil-preskrizzjoni.

V) Bhala l-kawza ta' spoll, l-indagini tal-Qorti kellha tigi limitata ghall-pussess, l-att spoljattiv u t-terminu ta' xahrejn. Ma jistax jinghad li l-atturi ma kellhomx il-pussess tat-tieqa u tal-loggja, tat-terrazzin illi ghal fuqha jaghtu kemm it-tieqa u anke l-loggja, u tal-prospett minn tali terrazzin.

Ghaldaqstant talbu lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha ghal dak li jirrigwarda d-decizjoni dwar il-pussess tas-servitu` ta' stillicidju, u minflok thassarha u tirrevokaha ghal dak li jirrigwarda l-pussess ta' prospett, u minflok tilqa' t-talbiet ta' l-attrici fl-interezza taghhom bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati.

**<u>IR-RISPOSTA TA' L-APPELLATI KONJUGI MICALLEF</u>**

3.1. L-appellati huma tal-fehma li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma.

3.2. Fl-ewwel lok jirrilevaw illi stante li d-dokumenti kollha li ghalihom jirreferu l-appellanti fir-rikors ta' appell taghhom, ad eccezzjoni tal-kuntratt tal-1863, ma jirrizultawx fl-atti, ir-referenza ghalihom ma tistax tifforma prova favur l-appellanti kontra l-appellati ghall-finijiet ta' din il-kawza. Dan apparti, ir-referenza ta' l-appellanti ghall-kuntratt ta' divizjoni tat-2 ta' Dicembru 1983, tindika zewg fatturi li jirrendu l-pretensjoni attrici ferm aktar insostenibbli –

i) hemmhekk il-loggja hija deskritta bhala maghluqa, kuntrarjament ghall-interpretazzjoni li qed jipprovaw jaghtu l-appellanti ta' *open space*;

ii) il-loggja ma hijiex fl-istess posizzjoni li kienet fiha fl-1863 ghaliex fl-1983 saru xogholijiet mill-predecessuri fit-titolu ta’ l-appellanti fejn parti minn din il-loggja maghluqa kienet giet trasformata f’kamra tal-banju. B’konsegwenza ta’ dawn ix-xogholijiet il-loggja kienet giet estiza aktar lejn il-Lvant tal-proprjeta` attrici u giet aktar vicin lejn il-hajt divizorju. Biex seta’ jsir dan, kellu jissaqqaf parti mill-ispazju tat-terrazzin ta’ l-appellanti u l-loggja giet kostruwita aktar ‘il barra fit-terrazzin. Dawn ix-xogholijiet ta’ tibdil saru sittax-il sena qabel ma giet intavolata l-kawza odjerna u ghaldaqstant kull argument ta’ l-appellanti li huma akkwistaw xi drittijiet bis-sahha tal-preskrizzjoni ghal fuq l-arja tal-fond ta’ l-appellati ma jregix. L-appellanti ma jistghux jippretendu li l-appellati jirtiraw il-bini tal-hajt divizorju b’cirka metru u nofs ‘il gewwa mil-linja medjana biex jaghmlu tajjeb ghan-nuqqas ta’ l-atturi jew tal-predecessuri taghhom fit-titolu, li bl-estensjoni tal-loggja fi hwejjighom stess aktar qrib lejn il-hajt divizorju, naqsu milli jzommu u josservaw id-distanzi legali.

3.3. Jissottomettu li l-kawza giet istitwita wara li l-istess atturi nizlu fuq il-bejt tal-konvenuti u fis-satra tal-lejl hattewlhom il-hajt, ossija opramorta, li kienu bnew u l-ghada pprocedew b’mandat ta’ Inibizzjoni, sabiex jinibixxu lill-konvenuti milli jergghu jibnu l-hjat. Il-Qorti izda kienet cahdet it-talba attrici u l-hajt rega’ gie mibni mill-gdid ftit jiem wara, skond it-termini tad-digriet tas-6 ta’ Awissu 1999. Ghaldaqstant, lanqas l-argument ta’ l-atturi appellanti li bil-bini tal-hajt il-konvenuti appellati kkommettew spoll ma jregi stante li kienet il-Qorti li ma zammitx lill-konvenuti milli jergghu jibnu l-hajt. Dwar dan, il-konvenuti appellati odjerni, ghamlu kawza ta’ spoll kontra l-atturi odjerni, li giet deciza kontra l-atturi u li minnha ma sar ebda appell.

Jissottomettu li, kif korrettement irrilevat il-Qorti ta’ l-ewwel grad il-loggja tinsab ‘il boghod mill-hajt divizorju, fil-proprjeta` attrici u “…kull ma sar mill-konvenuti kien l-innalzament tal-hajt divizorju. Dan id-dritt huwa impreskrivibbli, u qatt ma jista’ jikkostitwixxi spoll.” L-appellanti ma gabu ebda prova li huma jgawdu xi drittijiet

ta' servitu` fuq l-arja tal-fond proprjeta` tal-konvenuti bhal per ezempju l-jedd ta' prospett, il-projbizzjoni li jsir bini fuq l-arja tal-konvenuti sa certu gholi, li stante li dawn huma servitujiet kontinwi li ma jidhrux, skond l-Artikolu 455(5) tal-Kap. 16, jistghu jigu stabbiliti biss bis-sahha ta' titolu u mhux bil-preskrizzjoni. Il-kuntratt tal-1863 ma jistabillixxi ebda titolu f'dan is-sens u l-atturi ma ghamlu ebda prova dwar l-esistenza ta' xi wiehed minn dawn is-servitujiet. Izidu li anke li kieku l-loggja ilha tezisti kif inhi, aktar minn tletin sena, gie ritenut minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Annetto Xuereb Montebello et v. Paolina Magri et**, li tieqa miftuha fil-fond proprju ghal fuq art jew spazju mhux zviluppat ta' haddiehor ma hijex servitu` izda semplici sofferenza prekarja u sid l-art jista' jibni ammenokke sid il-fond li fih tigi miftuha t-tieqa ma jipprovax is-servitu` *ne luminibus officiatur* jew dik *altius non tollendi*. Inoltre, meta l-ezistenza tat-tieqa kienet sofferenza prekarja ma hemmx il-pussess rikjest biex tigi sostenuta l-azzjoni ta' spoll. Jissottomettu fl-ahharnett li t-tieqa ta' l-atturi tinsab miftuha fil-proprjeta` taghhom stess u l-bini ta' l-appellati jinsab fil-proprjeta` ta' l-appellati; proprjeta`, li fuqha l-atturi ma jgawdu ebda dritt u fuq liema ma ghandhom ebda pussess tutelabbli skond il-ligi. Bil-bini tal-hajt huma ezercitaw il-jedd moghti lilhom bil-ligi, liema jedd huwa msejjes fuq il-principju li s-sid ta' post ghandu l-jedd igawdi hwejgu bla indhil u minghajr ma jbati sindikar mill-girien.

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

4. Fl-appell taghhom l-atturi qeghdin jitolbu riforma tas-sentenza appellata u dan in kwantu l-ewwel Qorti kienet laqghet *in parte* t-talbiet taghhom fil-konfront tal-konvenuti ghal dak li kien jikkoncerna l-allegat spoll "dwar il-pussess tas-servitu` ta' stillicidju" imma cahdet il-bqija tal-pretensjoni taghhom. L-appell huwa ghalhekk limitat ghal dik il-parti ta' l-allegat spoll li tikkoncerna "il-pussess ta' prospett".

5. Din il-Qorti tibda billi tosserva li ma hija xejn sodisfatta bil-mod kif il-partijiet fil-kawza thallew jikkonducu l-provi taghhom u dana ghaliex huwa ferm evidenti li, bil-maqlub

ta’ dak li hu konsentit f’kawza purament possessorja bhalma hija dik ta’ spoll, ma huwiex permessibbli li l-partijiet jidhlu fil-petitorju kif ghamlu fil-kawza in ezami. Huwa minnu li jista’ jkun il-kaz li biex jigi ppruvat il-pussess legali tinqala’ l-htiega impellenti li jigu approfonditi b’mod aktar sostanzjali l-aspetti legali tal-kwistjoni imma l-indagini m’ghandha qatt tithalla testendi minn dak li huwa strettament necessarju biex jigi ppruvat li l-ispoljat kellu tabilhaqq <u>il-pussess</u> tal-haga immobbli – liema pussess (hekk ara l-Artikolu 535 tal-Kap. 16) jista’ anke “ikun ta’ liema xorta jkun”. Din minn dejjem kienet il-linja addottata minn din il-Qorti u ghalhekk fil-fehma taghha l-Qorti ta’ l-ewwel grad zbaljat meta giet indotta tidhol hi wkoll fil-petitorju. Ma jfissirx b’daqstant li l-konkluzjoni finali ta’ l-ewwel Qorti hija konsegwentament wahda necessarjament zbaljata wkoll, imma jfisser biss li l-*modus operandi* taghha ma kienx dak li messu ntuza. Ir-raguni ghal dan kollu hija wahda cara u semplici: min jottjeni favur tieghu decizjoni minn kawza ta’ spoll ma jakkwista ebda titolu ta’ proprjeta` *erga omnes* imma jottjeni d-dritt tar-reintegrazzjoni f’dak illi jkun tilef jew tnezza’ minnu bl-att spoljattiv. Minbarra dan, ix-xorta ta’ prova rikjesta biex wiehed jista’ jirnexxi f’kawza ta’ spoll hija differenti sew minn dak li hu rikjest f’azzjoni petitorja bhal, per ezempju, fl-*actio rei vindicatoria*. Dan kollu qieghed jinghad ghaliex din il-Qorti trid taghmilha cara li minkejja s-sottomissjonijiet elaborati u estensivi, anke fil-petitorju, li saru mill-partijiet, hija ma hijiex sejra ssegwi l-istess perkors li gie addottat mill-ewwel Qorti ghar-rizoluzzjoni ta’ dana l-appell.

6. Il-fatti li taw lok ghal din il-vertenza fis-semplicita` taghhom huma kif ser jinghad:-
L-atturi u l-konvenuti ghandhom proprjetajiet immobbiljari – konsistenti f’fondi – attigwi ghal xulxin. L-atturi huma sidien il-fond bin-numru 45, Triq Monsinjur Farrugia, Victorja, Ghawdex, filwaqt li l-konvenuti huma proprjetarji tal-fond bin-numru 42 fl-istess triq. Fil-fond ta’ l-atturi tezisti loggja, liema loggja tissemma’ anke f’kuntatt li jmur lura sa l-1863. Din il-loggja ma taghtix direttament ghall-fond tal-konvenuti ghaliex bejnha u bejn il-hajt divizjorju li jifred iz-zewg proprjetajiet lateralment jezisti passagg

dejjaq li, skond l-istess atturi, hu wiesa "cirka pied u nofs ghal cirka tlett piedi mill-hajt divizorju". Il-konvenuti innalzaw il-hajt divizorju b'mod illi l-prospett li qabel kien jigi gawdut mil-loggja ma baqax aktar possibbli billi issa safa' ostakolat mill-hajt li jifred proprjeta` minn ohra.

L-atturi ma qaghdux b'idejhom fuq zaqqhom ghaliex b'reazzjoni ghax-xogholijiet intraprizi mill-konvenuti huma hattew fizikament dan il-hajt u ppruvaw jottjenu mandat ta' inibizzjoni kontra l-konvenuti biex jinibixxu lill-konvenuti milli jergghu jirrikostruwixxu l-istess hajt. Din it-talba pero` giet michuda. F'dana l-istadju s-serjeta` kienet tesigi li xi hadd mill-partijiet jadixxi lill-Qorti b'azzjoni fil-petitorju biex min ghandu ragun f'dak li hu titlu jiehdu darba ghal dejjem. Imma l-partijiet imxew b'mod differenti hafna. Il-konvenuti fil-fatt regghu bnew parti mill-hajt, filwaqt li l-atturi ghamlu kawza ta' spoll kontra l-konvenuti, u l-konvenuti ghamlu kawza ta' spoll kontra l-atturi! Imma kien hemm zvolta ohra ta' riljev ghaliex jirrizulta li l-kawza istitwita mill-konvenuti kontra l-atturi (Citazzjoni Numru 149/1999 giet deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri fis-16 ta' Novembru 2005 u fiha nghataw ragun il-konvenuti fis-sens li gie deciz li fil-konfront taghhom, l-atturi kienu kkommettew spoll. Minn din is-sentenza ma sar l-ebda appell u allura jfisser li din ghaddiet in gudikat. Baqghet kwindi pendenti l-azzjoni ta' spoll istitwita mill-atturi kwantu ghal dik il-parti koncernanti l-allegat spoll kommess bl-innalzament tal-hajt in kwantu dan huwa ta' ostakolu ghal servitu` ta' prospett vantat mill-atturi appellanti.

7. Bilkemm hemm ghalfejn jinghad li komproprjetarju ta' hajt divizorju jista' jgholli l-hajt komuni bejn il-proprjeta` tieghu u dik tal-gâr, basta jerfa' l-import ta' l-ispejjez involuti. Dan hu dritt moghti bis-sahha ta' l-Artikolu 414 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Imma l-atturi qeghdin jivvantaw dritt ta' servitu` ta' prospett in forza ta' loggja ezistenti fil-fond taghhom. Skond l-atturi din il-loggja taghti ghal fuq setah – li fil-fatt mhux ghajr il-passagg dejjaq li jifred il-loggja mill-hajt divizorju – u huma jghidu li kienu jaghmlu uzu minn dan is-setah billi jharsu fuq il-proprjeta` servjenti tal-konvenuti. Dan il-punt gia` gie

dibattut u deciz minn dawn il-Qrati, imqar jekk minn kaz ghal iehor il-fattispecje jistghu jkunu kemmxejn ivarjaw minn xulxin. F'decizjoni recensjuri moghtija minn din il-Qorti, kif dakinhar komposta, fil-kawza fl-ismijiet: **Joseph u Eunice konjugi Grima v. Brian German** deciza fl-24 ta' Settembru 2004, gie *inter alia* ritenut li gej:
"Fil-kaz in ezami jidher li l-atturi qed jirreklamaw is-servitu` ta' prospett (u ta' dawl in forza), u bhala konsegwenza, tal-provvedimenti tas-servitu` maghrufa bhala "altius non tollendi" billi jippretendu li l-konvenut ma ghandux il-fakolta` li jezercita d-dritt moghti lilu bl-Artikolu 414 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li, kif rajna aktar 'il fuq, jitkellem dwar id-dritt ta' kull komproprjetarju li jgholli l-hajt komuni. Din is-servitu`, izda, hija servitu` li ma tidhirx u ghalhekk tista' tigi akkwistata jew b'titolu, jew, in kwantu hija servitu` negattiva, tista' wkoll tigi akkwista bi preskrizzjoni (sic) minn dak inhar li l-pussess jibda jigi ezercitat wara li s-sid tal-fond dominanti, b'ittra ufficjali, protest, jew att gudizzjarju iehor, ma jkunx halla lis-sid tal-fond servjenti jinqeda bih kif irid. (Artikolu 463(2)).

"Fil-kaz in ezami jirrizulta li t-tieqa u l-bieb jinstabu fil-fond ta' l-attur u mhux fil-hajt divizorju u bhala tali ma jistghux jigu kunsidrati bhala servitu` billi ma hu qed jigi ezercitat ebda jedd fuq il-fond tal-konvenut. U nkwantu qed jigi reklamat dritt ta' "altius non tollendi" minhabba xi dritt ghad-dawl jew prospett reklamat, jigi osservat li ma jirrizultax li hemm xi att pubbliku li jistabilixxi dan id-dritt jew li l-konvenut, *qua* sid il-fond "servjenti", gie interpellat biex ma jinqedix bid-drittijiet tieghu kif koncess mil-ligi. Jibqa' ghalhekk vigenti d-dritt tal-konvenut koncess lilu bl-Artikolu 414 tal-Kap. 16 b'mod li l-konvenut ma ghandu ebda divjet li jinalza l-hajt komuni."

8. Fil-kaz in ezami, inoltre, din il-Qorti setghet tinnota li l-atturi fir-rikors ta' l-appell taghhom iwessghu l-pretensjoni taghhom f'dawk li huma cirkostanzi fattwali tal-kaz. Fil-waqt li fil-korp tal-premessi tac-citazzjoni promotrici l-enfasi huwa fuq l-ezistenza ta' loggja, fir-rikors ta' l-appell huma jirreferu ghal "pussess tat-tieqa u tal-loggja, tat-terrazzin illi ghal fuqha jaghtu kemm ghat-tieqa u anke l-loggja, u tal-prospett minn tali terrazzin". Huwa wisq

evidenti li dina l-estensjoni saret bl-iskop li jipprovdi risposta ghall-fatt li proprjament t-tieqa u l-loggja jaghtu direttament <u>ghall-fond ta’ l-atturi u ma jaghmlux parti integrali mill-hajt divizorju fejn sar l-innalzament da parti tal-konvenuti</u>.

9. Fic-cirkustanzi, u wara li din il-Qorti gharblet sew is-sottomissjonijiet kemm ta’ naha u kemm ta’ ohra, ma jidhrilhiex li l-aggravji ta’ l-atturi appellanti huma fondati. Fl-istess waqt li l-atturi jsostnu li l-pussess ma jistax jigi konfuz mad-dritt ta’ servitu` u jikkritikaw lill-ewwel Qorti li kkonfondiet kuncett ma’ iehor, jispiccaw biex imbaghad huma stess jinkorru fl-istess “tahlita” ta’ bejn pussess ta’ fatt u dritt man mano li jadducu l-argumenti taghhom ghall-konsiderazzjoni tal-Qorti. Fi kliem aktar esplicitu, din il-Qorti ma hijiex sodisfatta li l-atturi rnexxilhom jippruvaw li kellhom il-pussess ta’ dritt ta’ servitu` ta’ prospett mill-passagg dejjaq – li huma jiddeskrivu bhala terrazzin – li kien jifred il-loggja mill-hajt divizorju ta’ bejn proprjeta` minn ohra. Isegwi ghalhekk li l-ispoll reklamat mill-atturi ma giex ipprovat u ma hemm xejn x’jigi spurgat jew re-integrat taht dana l-aspett ta’ dritt ta’ prospett. Ghal kull buon fini, tajjeb li jigi enfasizzat li c-cahda tat-talba attrici taht dana l-aspett ma tipprekludix lill-atturi milli, okkorrendo u tramite proceduri separati, jikkontestaw il-pretensjonijiet tal-konvenuti u/jew li jirrivindikaw u jittutelaw id-dritt taghhom *qua* proprjetarji per via ta’ azzjoni opportuna fil-petitorju – haga li, kif rajna, tezorbita mill-ambitu ta’ kawza impernjata fuq l-*actio spolii*.

Ghal dawn ir-ragunijiet:
Tiddeciedi billi tichad l-appell ta’ l-atturi u dan in kwantu l-aggravji huma infondati ghar-ragunijiet li nghataw f’din is-sentenza, u ghalhekk tikkonferma *in toto* dak li gie finalment deciz mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, Gurisdizzjoni Generali fis-sentenza appellata, bl-ispejjez ta’ dana l-appell interament a kariku ta’ l-atturi appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------